# IL-FESTA TAL-KUNĊIZZJONI TA' ĦAMSIN SENA ILU (1945)

## Kitba tal-Kan. Kantur GUŻEPPI BONELLO

***Wara l-gwerra ta' l-1940–44 Bormla bdiet tieħu r-ruħ u l-Bormliżi bdew jirritornaw. Fid-19 ta' Novembru, 1944, sar il-Pellegrinaġġ bl-istatwa u l-kwadru titulari tal-Kunċizzjoni minn Birkirkara għal Bormla; u f'Diċembru 1944 saret l-ewwel festa f'Bormla ta' wara l-gwerra. Il-belt kienet imfarrka sewwa u kważi vojta. Għalhekk l-ewwel festa kif jixraq f'Bormla wara l-gwerra kienet dik tas-sena 1945 meta l-popolazzjoni żdiedet u ħafna djar inbnew mill-ġdid***

### L-ANNIVERSARJU TAL-PELLEGRINAĠĠ

Il-festa tal-1945 bdiet nhar it-18 ta' Novembru meta saret it-TIFKIRA TAL-PELLEGRINAĠĠ tas-sena ta' qabel. Fid-9.00 a.m. saret quddiesa kantata u fit-3.00 p.m. sar għasar kantat. Id-diskors dwar il-Pellegrinaġġ sar mill-Kanċillier tal-Kurja Mons. ENRICO BONNICI. Wara saret il-funzjoni tas-Salve, Te Deum u Ċelebrazzjoni Ewkaristika. Il-mużika kienet taħt it-tmexxija tas-Surmast Bormliż LUIGI VELLA MIZZI. Saret mixegħla ma' Bormla kollha u l-Banda SAN MIKIEL ta' Ħaż-Żabbar, wara li daret fit-toroq b'marċi brijużi daqqet programm mużikali fil-Pjazza Paolino Vassallo.



*Purċissjoni ta' ftit snin wara l-gwerra.*

### IN-NOVENA

Din kienet tibda fil-5.00 a.m. Nofs siegħa qabel, il-knisja kienet tkun diġà mimlija ankè b'Bormliżi minn bnadijiet oħra fejn kienu rifuġjati. Niftakar lil Dun Ġużepp Minuti, illum Monsinjur, jorganizza *private* miż-Żejtun. Il-Predikatur tan-Novena kien il-Bormliż Patri TARCISIO LICARI, Karmelitan u n-nies kienu jiżdiedu kuljum. Fl-aħħar ġurnata inħasset devozzjoni kbira lejn il-Madonna bil-knisja ppakkjata u kulħadd sodisfatt bis-suċċess tan-Novena.

It-Translazzjoni saret bis-solennità tas-soltu u għall-Barka Sagramentali ġie Mons. MIKIEL GONZI, Arċisqof ta' Malta.

### 'MALTA' FLOK 'IL-PAPA'

L-aħħar Salve saret fl-4.00 p.m. minflok fil-5.00 p.m. u għaliha żdiedu l-mużiċisti taħt id-direzzjoni tas-surmast LORENZO GALEA. Dakinhar huwa daqq l-Antifona "il-kbira" tiegħu, li ħafna mill-Bormliżi kienu jieħdu gost jisimgħu.

Nhar is-6 ta' Diċembru f'Bormla kien isir l-hekk imsejjaħ marċ tal-'Papa' b'dimostrazzjoni bl-istatwa ta' Piju IX (magħmulha mill-artist Bormliż ĠUŻEPPI GATT, ħu Abram). Din l-istatwa tfarrket fil-gwerra; għalhekk il-marċ tas-6 ta' Diċembru, 1945, flok sar bl-istatwa tal-Papa sar b'dik ta' 'Malta', li qabel il-gwerra kienet tintrama fi Triq San Pawl. L-istatwa tal-Papa li għandna llum saret ftit tas-snin wara mis-surmast Bormliż ĠUŻEPPI CARUANA (ta' Marċjon).

L-armar tal-festa (trofej, statwi u kolonni) intradam kważi kollu fil-gwerra. Fis-sena 1945 fit-toroq ta' Bormla ntramaw il-kolonni tal-festa "TAS-SALIB" li kienu ilhom merfugħin għal ħafna snin fil-kannierja ta' l-Oratorju. Ftit żmien wara xi dilettanti, fosthom CARMEL DELORENZO, JOHNNY SCICLUNA u l-aħwa DEKIN, irnexxilhom isalvaw minn taħt il-ġebel il-kolonna tal-Papa u armar ieħor.

### JUM IL-FESTA TA' L-1945

Il-Pater Noster daqq fit-3.30 a.m. u l-moti bil-kbir bdew fl-4.30 a.m. Il-kant tal-matutin solenni beda fil-5.30 a.m. u baqa' sejjer sat-8.00 a.m. Il-quddies beda mal-Pater Noster ma jaqta' xejn fl-altari kollha sat-8.45 a.m. – użanza li spiċċat wara l-Konċilju. L-Isqof EMMANUEL GERADA qaddes quddiesa letta fis-7.30 a.m. u wara l-kant tat-Terza, bdiet il-Quddiesa kantata solenni għall-ħabta tad-9.30 a.m. Il-Paneġierku sar minn Mons. G. MILANESE, Arċipriet ta' Ħaż-Żebbuġ u bħas-soltu kien mistieden fil-Każin tal-Banda San Ġorġ għal bibita. Il-mużika fil-knisja kienet ta' CARLO DIACONO, taħt it-treġija ta' ibnu FRANKY li kien għadu kif sar Maestro di Cappella tal-Kolleġġjata tagħna, wara l-mewt ta' missieru Carlo li ġrat ġo Ħal Lija.

L-għasar bil-mużika beda fis-2.30 p.m. u fl-4.00 p.m. bdiet il-purċissjoni bl-istatwa ta' l-Immakulata li minn kull fejn għaddiet intlaqgħet b'entużjażmu. Il-gwerra ma naqset xejn mill-imħabba li l-Bormliżi dejjem kellhom lejn il-Madonna.